

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru .../..

ta' [...]

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE¹ ("ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol²,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 fl-Artikolu 7(6), jirrikjedi lill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") li twettaq evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness I (Parti M) ta' dan ir-Regolament;
- (2) L-Aġenzija stabbiliet, wara valutazzjonijiet dwar l-impatt adegwati, li d-dispożizzjonijiet ta' l-Anness I (Parti M) huma stretti wisq għall-inġenji ta' l-ajru li m'humiex involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru u, b'mod partikolari, l-inġenji ta' l-ajru li m'humiex ikklassifikati bħala "inġenji ta' l-ajru kumplessi li jaħdmu b'magni";
- (3) L-Aġenzija ħasset li għandha tagħmel emendi sinifikanti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, u b'mod partikolari l-Anness I (Parti M), biex tadattah għall-komplessità tal-kategoriji differenti ta' l-inġenji ta' l-ajru u t-tipi ta' l-operazzjonijiet;
- (4) L-Aġenzija ħasset li għandha tintroduċi miżuri tranżitorji adatti għal dawk id-dispożizzjonijiet li ma jstgħux b'mod raġonevoli jkunu implimentati qabel tmiem il-perjodu ta' deroga attwali (it-28 ta' Settembru 2008) stabbiliet fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003, Artikolu 7(3)(a), għall-inġenji ta' l-ajru li m'humiex involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru;

¹ ĠU L 79, 19.03.2008, p.1

² ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 376/2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18)

- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni maħruġa mill-Aġenzija³ skond l-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament Bażiku;
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni⁴ tal-Kumitat ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni stabbilita bl-Artikolu 65(3) tar-Regolament Bażiku;
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 għandu għaldaqstant ikun emendat kif jixraq;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 huwa b'hekk emendat kif ġej:

1) Fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti (k) u (l) li ġejjin:

- (k) 'Inġenju ta' l-ajru ELA1' ifisser kwalunkwe wieħed mill-inġenji ta' l-ajru li ġejjin (ELA tfisser "Inġenju ta' l-Ajru Ewropew Ħafif"):
 - ajruplan, glajder jew glajder bil-magna b'Massa Massima għat-Tluq (MTOM) ta' inqas minn 1000 kg li m'huwiex ikklassifikat bħala inġenju ta' l-ajru kumpless li jaħdem b'magna.
 - ballun bi kwantità ta' gass massima tat-tluq ta' disinn jew ta' volum ta' arja sħuna ta' mhux inqas minn:
 - o 3400 m³ għall-blalen ta' l-arja sħuna
 - o 1050 m³ għall-aerostati (blalen tal-gass)
 - o 300 m³ għall-blalen tal-gass marbutin (*tethered*)
 - 'ġifen ta' l-ajru' maħsub għal mhux aktar minn żewġ persuni u bi kwantità ta' gass massima tat-tluq ta' disinn jew volum ta' arja sħuna ta' mhux aktar minn:
 - o 2500 m³ għall-iġfna ta' l-ajru bl-arja sħuna
 - o 1000 m³ għall-iġfna ta' l-ajru tal-gass
- (l) 'Inġenji ta' l-ajru LSA' tfisser kwalunkwe ajruplan (LSA tfisser "Ajruplan Ħafif ta' l-Isports") b'dawn:
 - Massa Massima għat-Tluq (MTOM) ta' mhux aktar minn 600 kg, u
 - veloċità massima tat-twaqqif tal-magna fil-konfigurazzjoni ta' l-inżul (VS0) ta' mhux aktar minn 45 *knot* fil-Veloċità fl-Ajru Kalibrata (CAS) għall-massa massima ċċertifikata għat-tluq u għaċ-ċentru tal-gravità l-aktar kruċjali ta' l-inġenju ta' l-ajru, u
 - kapaċità massima ta' postijiet għal mhux aktar minn żewġ persuni, inkluż il-pilota, u
 - magna waħda, mingħajr turbina, mġammar bi skrun, u
 - kabina mhux pressurizzata.

2) Fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-punti 4, 5 u 6 li ġejjin:

4. B'deroga minn M.A.201(e), M.A.201(i)1, M.A.901 u M.A.904(a)2, għall-inġenji ta' l-ajru mhux użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru barra minn inġenji ta' l-ajru kbar, u sat-28 ta' Settembru 2009 biss, kompiti ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa, reviżjonijiet ta' l-ajrunavigabbiltà, u l-ħruġ u l-estensjoni ta' ċertifikati ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà jistgħu jitwettqu minn organizzazzjoni għall-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata b'mod xieraq skond ir-rekwiżiti ta' l-Istati Membri.

³ Opinjoni 02/2008

⁴ (Għad irid jinħareġ)

5. B'deroga minn M.A.901, għall-inġenji ta' l-ajru mhux użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru, kwalunkwe ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà jew dokument ekwivalenti maħruġ skond ir-rekwiżiti ta' l-Istat Membru u validu fit-28 ta' Settembru 2008 għandu jkun validu sad-data ta' l-iskadenza tiegħu jew sat-28 ta' Settembru 2009, liema data tiġi l-ewwel.

Wara li tiskadi l-validità tiegħu, l-awtorità kompetenti jew organizzazzjoni għall-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata b'mod xieraq skond ir-rekwiżiti ta' l-Istat Membru tista' terġa' toħroġ mill-ġdid jew testendi darba ċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà jew dokument ekwivalenti għal sena, jekk jippermettu r-rekwiżiti ta' l-Istat Membru.

Meta terġa' tiskadi, l-awtorità kompetenti tista' terġa' toħroġ mill-ġdid jew testendi għal darb'oħra ċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà jew dokument ekwivalenti għal sena, jekk jippermettu r-rekwiżiti ta' l-Istat Membru.

M'hu permess l-ebda ħruġ ieħor jew estensjoni mill-ġdid.

B'deroga minn M.A.903(b), meta jkun ittrasferit fl-UE inġenju ta' l-ajru mhux użat fit-trasport kummerċjali bl-ajru, l-Istat Membru li fih se jkun irreġistrat l-inġenju ta' l-ajru ma jistax jaċċetta ċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà ta' qabel jew dokument ekwivalenti meta jkun ħareġ skond id-deroga minn M.A.901 indikata fuq. F'każ bħal dan, għandu jinħareġ ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà ġdid skond M.A.904.

6. B'deroga minn M.A.302(b) sa (e), għal inġenji ta' l-ajru mhux involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru barra inġenji ta' l-ajru kbar, u sat-28 ta' Settembru 2009 biss, id-dokumenti li ġejjin jitqiesu wkoll bħala programmi ta' manutenzjoni approvati meta jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' l-Istat Membru rilevanti:

1. Programm ta' manutenzjoni approvat jew aċċettat mill-awtorità kompetenti, jew
2. Skeda rrakkomandata maħruġa mid-detentur taċ-Ċertifikat tat-Tip, jew
3. Programm ta' manutenzjoni maħruġ mill-awtorità kompetenti.

Dawn id-dokumenti għandhom ikunu ssupplimentati mill-kompiti ta' manutenzjoni M.A.803 ta' pilota-sid korrispondenti.

- 3) Fl-Artikolu 4, jizjed il-punt 4 li ġej:

4. B'deroga minn M.A.201(i)2, M.A.502 u M.A.801(b)1, għall-inġenji ta' l-ajru mhux involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru barra inġenji ta' l-ajru kbar, u sat-28 ta' Settembru 2009 biss, il-manutenzjoni u l-ħruġ għall-użu ta' inġenji ta' l-ajru u komponenti jistgħu jitwettqu minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata b'mod xieraq skond ir-rekwiżiti ta' l-Istat Membru.

Ċertifikati ta' ħruġ għall-użu u ċertifikati awtorizzati ta' ħruġ għall-użu maħruġa fit-28 ta' Settembru 2009 jew qabel minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata skond ir-rekwiżiti ta' l-Istat Membru għandhom jitqiesu ekwivalenti għal daww mitluba skond M.A.801 u M.A.802, kif ikun applikabbli.

- 4) Il-punt 1 ta' l-Artikolu 5 se jinbidel b'li ġej:

1. Il-persunal li jiċċertifika għandu jkun ikkwalifikat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III, barra minn kif previst f'M.A.606(h), M.A.607(b), M.A.801(d) u M.A.803 ta' l-Anness I u f'145.A.30(j) ta' l-Anness II u l-Appendiċi IV ta' l-Anness II.

Barra minn hekk, għall-inġenji ta' l-ajru li m'humiex involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru barra minn inġenji ta' l-ajru kbar, il-persunal li jiċċertifika jista' jkun ikkwalifikat skond ir-rekwiżiti ta' l-Istat Membru rilevanti sat-28 ta' Settembru 2009.

- 5) Il-punt 3(a) ta' l-Artikolu 7 se jinbidel b'li ġej:

- 3(a) id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness I dwar l-inġenji ta' l-ajru mhux involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru, sat-28 ta' Settembru 2008, minbarra għal:

- M.A.201(f) kif tapplika għall-inġenji ta' l-ajru kbar użati minn operatur ta' pajjiż terz, sat-28 ta' Settembru 2009,
- M.A.201(i) paragrafi 1 u 2, sat-28 ta' Settembru 2009

Artikolu 2

L-Anness I (Parti M) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 huwa b'hekk emendat kif ġej:

1) F'M.1, jżied il-punt 4(iii) li ġej:

4(iii) B'deroga mill-paragrafu 4(i), meta inġenju ta' l-ajru mhux użat fit-trasport kummerċjali bl-ajru ikollu ġestjoni minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti G mhux suġġetta għas-sorveljanza ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, u fil-każ biss li jkun hemm qbil ma' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni qabel l-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni:

- l-awtorità indikata mill-Istat Membru responsabbli għas-sorveljanza ta' l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G, jew
- l-Aġenzija jekk l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G tinsab f'pajjiż terz.

2) Il-punt (e) ta' M.A.201 se jinbidel b'li ġej:

(e) Biex ikunu sodisfatti r-responsabbiltajiet tal-paragrafu (a), sid l-inġenju ta' l-ajru jista' jagħti b'kuntratt il-kompiti assoċjati ma' l-ajrunavigabbiltà kontinwa lil organizzazzjoni approvata għall-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa kif speċifikat fl-M.A. Sottoparti G skond l-Appendiċi I. F'dan il-każ, l-organizzazzjoni għall-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa tassumi r-responsabbiltà għat-twettiq kif jixraq ta' dawn il-kompiti.

Sid li jiddeċiedi li l-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' l-inġenju ta' l-ajru tkun ir-responsabbiltà tiegħu, mingħajr kuntratt skond l-Appendiċi I, jista' madankollu jagħmel kuntratt limitat ma' organizzazzjoni M.A. Sottoparti G għall-iżvilupp tal-programm ta' manutenzjoni u, jekk l-organizzazzjoni ssegwi l-proċeduri approvati adattati, l-approvazzjoni tagħha permezz ta' proċedura ta' approvazzjoni indiretta kif deskritt f' M.A.302(c).

Dan il-kuntratt limitat jittrasferixxi r-responsabbiltà għall-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni għand l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G ikkuntrattata.

3) Fil-punt (i) ta' M.A.201, il-kliem "l-attivitajiet operattivi tiegħu" jinbidel bil-kliem "l-operazzjonijiet kummerċjali".

4) Fil-punt (a) ta' M.A.202, il-kliem "għandu jirrapporta lill-Istat tar-Reġistrazzjoni" jinbidel bil-kliem "għandu jirrapporta lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat tar-Reġistrazzjoni".

5) M.A.302 jinbidel b'li ġej:

M.A.302 Programm ta' manutenzjoni

(a) Il-manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru għandha tkun organizzata skond il-programm ta' manutenzjoni.

(b) Il-programm ta' manutenzjoni u kwalunkwe emendi sussegwenti għandhom ikunu approvati mill-awtorità kompetenti ddefinita f'M.1, paragrafu 4.

(c) Meta l-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' inġenju ta' l-ajru ssir minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti G, il-programm ta' manutenzjoni u l-emendi tiegħu jistgħu jkunu approvati permezz ta' proċedura ta' approvazzjoni (hawn taħt imsejħa "proċedura ta' approvazzjoni indiretta"). Din il-proċedura għandha tkun stabbilita mill-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G, inkluża fl-Espożizzjoni tal-Ġestjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà Kontinwa u approvata mill-awtorità kompetenti responsabbli għal dik l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G.

L-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G m'għandhiex tuża l-proċedura ta' approvazzjoni indiretta meta din l-organizzazzjoni ma tkunx taħt is-sorveljanza ta' l-Istat Membru tar-Reġistrazzjoni, sakemm ma jkunx hemm ftehim skond M.1. paragrafu 4(ii) jew 4(iii), kif japplika, li tittrasferixxi r-responsabbiltà għall-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni lill-Istat Membru ta' l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G.

(d) Il-programm ta' manutenzjoni jrid jistabbilixxi l-konformità ma':

1. l-istruzzjonijiet dwar l-ajrunavigabbiltà kontinwa maħruġa mid-detenturi taċ-ċertifikat tat-tip u taċ-ċertifikat tat-tip supplimentari u kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tippubblika tali dejta skond il-Parti 21, jew
2. l-istruzzjonijiet maħruġa mill-awtorità kompetenti, jekk ikunu differenti mis-Sottoparagrafu 1 jew fin-nuqqas ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi.

Is-sid jew l-operatur jista' jipproponi lill-awtorità kompetenti struzzjonijiet alternattivi u/jew addizzjonali għal dawk iddefiniti fil-paragrafi 1 u 2. Dawn l-istruzzjonijiet alternattivi u/jew addizzjonali jistgħu jkunu inklużi fil-programm ta' manutenzjoni meta jkunu approvati skond M.A.302(b) jew M.A.302(c).

- (e) Il-programm ta' manutenzjoni għandu jkun fih id-dettalji, inkluża l-frekwenza, tal-manutenzjoni kollha li trid titwettaq, inklużi kwalunkwe kompiti speċifiċi marbuta ma' operazzjonijiet speċifiċi.
- (f) Għal inġenji ta' l-ajru kbar, meta l-programm tal-manutenzjoni jkun ibbażat fuq:
 1. Il-loġika tal-Grupp tat-Tmexxija tal-Manutenzjoni, jew,
 2. prinċipalment fuq is-sorveljanza tal-kundizzjoni il-programm irid jinkludi programm ta' affidabilità.
- (g) Il-programm ta' manutenzjoni jrid ikun suġġett għal reviżjonijiet perjodiċi u emendat kull meta jkun meħtieġ. Ir-reviżjonijiet iridu jiżguraw li l-programm jibqa' validu fid-dawl ta' l-esperjenza operattiva waqt li jqis l-istruzzjonijiet ġodda u/jew immodifikati dwar il-manutenzjoni ppromulgati mid-detenturi taċ-ċertifikat tat-tip u ċ-ċertifikat tat-tip supplimentari u kwalunkwe organizzazzjoni oħra li tippubblika tali dejta skond il-Parti 21.
- (h) Il-programm ta' manutenzjoni jrid jirrifletti r-rekwiżiti regolatorji mandatorji applikabbli indirizzati fid-dokumenti maħruġa mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, ċertifikat tat-tip ristrett, ċertifikat tat-tip supplimentari, approvazzjoni tad-disinn ta' tiswija ewlenija, awtorizzazzjoni ETSO jew kwalunkwe approvazzjoni oħra rilevanti li titqies li nħarġet skond ir-Regolament tal-Kummissjoni 1702/2003 biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti għall-ħruġ ta' struzzjonijiet dwar l-ajrunavigabbiltà kontinwa f'Parti 21.

6) Il-punt (b) ta' M.A.305 se jinbidel b'li ġej:

- (b) Id-dokumentazzjoni dwar l-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' l-inġenju ta' l-ajru għandhom jinkludu, kif ikun adattat, il-ġurnal ta' abbord l-inġenju ta' l-ajru, il-ġurnal(i) tal-magni jew il-kards tal-ġurnal tal-modulu tal-magna, il-ġurnal(i) ta' l-iskrun u kards tal-ġurnal għal kwalunkwe komponent li jista' jintuża għal żmien limitat u, meta jkun meħtieġ minn M.A.306 għat-trasport kummerċjali bl-ajru jew mill-Istat Membru għal operazzjonijiet kummerċjali barra dawk ta' trasport kummerċjali bl-ajru, il-ġurnal tekniku ta' l-operatur.

7) Fil-punt (b) ta' M.A.401, tiżdied il-kelma "u" fi tmiem il-punti 1, 2 u 3.

8) Fil-punt (b) ta' M.A.403, il-kliem "skond M.A.801(b)1, M.A.801(b)2 jew Parti 145" se jinbidel bil-kliem "skond M.A.801(b)1, M.A.801(b)2, M.A.801(c), M.A.801(d) jew Parti 145".

9) Fil-punt (a) ta' M.A.501, il-kliem "speċifikat fil-Parti 145 u s-Sottoparti F" se jinbidel bil-kliem "speċifikat fil-Parti 21, il-Parti 145 jew M.A. Sottoparti F".

10) M.A.502 jinbidel b'li ġej:

M.A.502 Manutenzjoni tal-komponenti

- (a) Il-manutenzjoni tal-komponenti għandha titwettaq minn organizzazzjonijiet M.A. Sottoparti F jew Parti 145 approvati li jwettqu l-manutenzjoni b'mod adegwat.
- (b) B'deroga minn M.A.502(a), il-manutenzjoni ta' komponent skond id-dejta tal-manutenzjoni ta' inġenju ta' l-ajru jew, jekk aċċettat b'mod speċifiku mill-awtorità kompetenti, skond id-dejta tal-manutenzjoni tal-komponenti, jista' jitwettaq biss minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti F jew Parti 145 tal-kategorija A kif ukoll minn persunal M.A.801(b)2 li jiċċertifika waqt li tali komponenti jkunu mwaħħlin fl-

inġenju ta' l-ajru. Madankollu, tali organizzazzjoni M.A. Sottoparti F jew Parti 145 tal-kategorija A jew persunal M.A.801(b)2 li jiċċertifika jistgħu jneħħu temporanjament dan il-komponent għall-manutenzjoni, biex itejbu l-aċċess għall-komponent, ħlief għal meta tali tneħħija tiġġenera l-ħtieġa ta' manutenzjoni addizzjonali li m'hijiex eliġibbli għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sottoparagrafu. Il-manutenzjoni tal-komponent imwettqa skond dan is-Sottoparagrafu m'hijiex eliġibbli għall-ħruġ ta' Formola 1 ta' l-EASA u għandha tkun suġġetta għar-rekwiżiti ta' ħruġ għall-użu ta' inġenju ta' l-ajru skond M.A.801.

- (c) B'deroga minn M.A.502(a), il-manutenzjoni fuq komponent ta' magna/APU skond id-dejta tal-manutenzjoni ta' magna/APU jew, jekk aċċettat b'mod speċifiku mill-awtorità kompetenti, skond id-dejta tal-manutenzjoni tal-komponent, tista' titwettaq minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti F jew Parti 145 tal-kategorija B sakemm tali komponenti jkunu mwaħħla mal-magna/APU biss. Madankollu, tali organizzazzjoni M.A. Sottoparti F jew Parti 145 tal-kategorija B tista' tneħħi temporanjament dan il-komponent għall-manutenzjoni, biex ittejjeb l-aċċess għall-komponent, ħlief għal meta tali tneħħija tiġġenera l-ħtieġa ta' manutenzjoni addizzjonali li m'hijiex eliġibbli għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sottoparagrafu.
- (d) B'deroga minn M.A.502(a), il-manutenzjoni fuq komponent li jkun imwaħħal jew imneħħi temporanjament minn inġenju ta' l-ajru ELA1 li ma jintużax għat-trasport kummerċjali bl-ajru, u mwettqa skond id-dejta tal-manutenzjoni ta' komponent, tista' titwettaq minn persunal li jiċċertifika M.A.801(b)2 ħlief għal:
1. eżami bir-reqqa qabel it-tiswija tal-komponenti barra l-magni u l-iskrejjen.
 2. eżami bir-reqqa qabel it-tiswija tal-magni u l-iskrejjen ta' inġenji ta' l-ajru li m'hum iex CS-VLA, CS-22 u LSA.
 3. eżami bir-reqqa qabel it-tiswija tal-magni u l-iskrejjen ta' inġenji ta' l-ajru CS-VLA, CS-22 u LSA u kompiti ta' manutenzjoni kumplessi tal-komponenti elenkati fl-Appendiċi VII, ħlief meta sid l-inġenju ta' l-ajru jkun ftiehem dwar programm ta' xogħol ma' l-awtorità kompetenti qabel il-bidu ta' dawn il-kompiti u l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-persunal M.A.801(b)2 li jiċċertifika għandu kwalifiki adatti u esperjenza reċenti, għandu d-dejta, l-għodda, it-tagħmir u l-materjali għall-manutenzjoni tal-komponent applikabbli u għandu aċċess għall-faċilitajiet adattati.
- Il-manutenzjoni ta' komponent imwettqa skond dan il-paragrafu M.A.502(d) m'hijiex eliġibbli għall-ħruġ tal-Formola 1 ta' l-EASA u għandha tkun suġġetta għar-rekwiżiti ta' ħruġ għall-użu ta' inġenju ta' l-ajru skond M.A.801.

11) M.A.503 jinbidel b'li ġej:

M.A.503 Komponenti li jistgħu jintużaw għal żmien limitat

Komponenti mwaħħla li jistgħu jintużaw għal żmien limitat m'għandhomx jaqbuż ż-żmien limitat ta' l-użu approvat kif speċifikat fil-programm ta' manutenzjoni approvat u d-direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà, ħlief kif previst minn M.A.504(c).

12) Il-punt (b) ta' M.A.504 jinbidel b'li ġej:

- (b) Komponenti li ma jissewewx għandhom ikunu identifikati u maħżuna f'post sigur taħt il-kontroll ta' organizzazzjoni approvata tal-manutenzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-istatus ġejjieni ta' tali komponenti. Madankollu, għal inġenju ta' l-ajru mhux użat għat-trasport kummerċjali bl-ajru, barra minn inġenji ta' l-ajru kbar, il-persuna jew l-organizzazzjoni li ddikjarat li l-komponent ma jissew iex tista' tittrasferixxi l-kustodja tal-komponent, wara li tidentifikah bħala li ma jissew iex, lil sid l-inġenju ta' l-ajru sakemm tali trasferiment ikun rifless fil-ġurnal ta' l-inġenju ta' l-ajru/il-magna/il-komponent.

13) F'M.A.601, il-kliem "mhux elenkat f'M.A.201(f) u (g)" jinbidel bil-kliem "mhux elenkat f'M.A.201(g)".

14) Il-punt (a)5 ta' M.A.604 jinbidel b'li ġej:

- (a)5. elenku tal-persunal li jiċċertifika bl-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-approvazzjoni tagħhom, u;

15) F'M.A.606, jizzied il-punt (h) li ġej:

- (h) B'deroga mill-paragrafu (g), l-organizzazzjoni tista' tuża persunal li jiċċertifika kkwalfikat skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin meta jipprovdu appoġġ ta' manutenzjoni lil operaturi involuti f'operazzjonijiet kummerċjali:
1. Għal direttiva ripetittiva dwar l-ajrunavigabbiltà qabel it-titjira li b'mod speċifiku tiddikjara li l-ekwipaġġ tat-titjira jista' jwettaq tali direttiva dwar l-ajrunavigabbiltà, l-organizzazzjoni tista' toħroġ awtorizzazzjoni limitata ta' persunal li jiċċertifika lill-kmandant ta' l-inġenju ta' l-ajru fuq il-bażi tal-liċenzja li jkollu l-ekwipaġġ tat-titjira. Madankollu, l-organizzazzjoni għandha tiżgura li twettaq biżżejjed taħriġ prattiku biex ikun żgurat li tali kmandant ta' l-inġenju ta' l-ajru jista' jwettaq id-direttiva ta' l-ajrunavigabbiltà skond l-istandard meħtieġ.
 2. Fil-każ ta' inġenju ta' l-ajru li jopera 'l bogħod minn post appoġġat, l-organizzazzjoni tista' toħroġ awtorizzazzjoni limitata ta' persunal li jiċċertifika lill-kmandant ta' l-inġenju ta' l-ajru fuq il-bażi tal-liċenzja ta' l-ekwipaġġ tat-titjira. Madankollu, l-organizzazzjoni għandha tiżgura li twettaq biżżejjed taħriġ prattiku biex ikun żgurat li tali kmandant ta' l-inġenju ta' l-ajru jkun jista' jwettaq il-kompitu skond l-istandard meħtieġ. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu ddettaljati fi proċedura ta' espożizzjoni.

16) Il-punt (a)1 ta' M.A.607 jinbidel b'li ġej:

- (a)1. li l-persunal li jiċċertifika jista' juri li jissodisfa r-rekwiżiti ta' 66.A.20(b), minbarra meta l-Parti 66 tirreferi għar-regolazzjoni ta' Stat Membru, u f'dak il-każ huma għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' tali regolament, u,

17) Il-punt (c) ta' M.A.607 jinbidel b'li ġej:

- (c) L-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata għandha tirreġistra d-dettalji kollha rigward il-persunal li jiċċertifika u żżomm elenku attwali tal-persunal kollu li jiċċertifika, flimkien ma' l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-approvazzjoni tagħhom.

18) Il-punt (a)1 ta' M.A.608 jinbidel b'li ġej:

- (a)1. iżomm it-tagħmir u l-għodda speċifikata fid-dejta tal-manutenzjoni deskritta f'M.A.609 jew l-ekwivalenti vverifikati kif elenkat fil-manwal ta' l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni kif meħtieġ għall-manutenzjoni ta' kuljum fl-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-approvazzjoni; u,

19) F'M.A.610, "klijent" tinbidel bil-kliem "organizzazzjoni li titlob il-manutenzjoni".

20) Il-punt (a) ta' M.A.613 jinbidel b'li ġej:

- (a) Mat-tlestija tal-manutenzjoni tal-komponenti meħtieġa kollha f'konformità ma' din is-Sottoparti, għandu jinħareġ ċertifikat ta' ħruġ għall-użu tal-komponent skond M.A.802. Il-Formola 1 ta' l-EASA għandha tinħareġ barra għal dawk il-komponenti li l-manutenzjoni tagħhom issir skond M.A.502(b) u M.A.502(d) u l-komponenti ffabbrikati skond M.A.603(b).

21) Il-punt M.A.615 jinbidel b'li ġej:

M.A.615 Privileġġi ta' l-organizzazzjoni

L-organizzazzjoni tista':

1. twettaq manutenzjoni fuq kwalunkwe inġenju ta' l-ajru u/jew komponent li għaliha tkun approvata fil-postijiet speċifikati fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni u fil-manwal.
2. tagħmel arranġamenti għat-twettiq ta' servizzi speċjalizzati għand organizzazzjoni oħra kkwalfikata b'mod adattat u taħt il-kontroll ta' l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti F skond il-proċeduri deskritti fil-Manwal ta' l-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni tagħha kif approvat direttament mill-awtorità kompetenti. Dan jirreferi għax-xogħol imwettaq minn organizzazzjoni ta' servizz speċjalizzat li ma

tkunx approvata b'mod adegwat skond M.A. Sottoparti F jew Parti 145 biex twettaq tali kompiti.

3. twettaq manutenzjoni fuq kwalunkwe inġenju ta' l-ajru u/jew komponent li għaliha tkun approvata fi kwalunkwe post suġġetta għall-ħtieġa li tali manutenzjoni titnissel jew minn qagħda fejn l-inġenju ta' l-ajru ma jkunx jista' jissewwa jew min-neċessità li jingħata appoġġ għal manutenzjoni ta' kultant, suġġetta għall-kundizzjonijiet speċifikati fl-espożizzjoni.
4. toħroġ ċertifikati ta' ħruġ għall-użu mat-tlestija tal-manutenzjoni, skond M.A.612 jew M.A.613.

22) Il-punt (a) ta' M.A.703 jinbidel b'li ġej:

(a) L-għoti ta' approvazzjoni huwa indikat mill-ħruġ taċ-ċertifikat inkluż fl-Appendiċi VI mill-awtorità kompetenti. L-espożizzjoni M.A.704 tal-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa trid tispeċifika l-ambitu ta' l-applikazzjoni tax-xogħol li jkun meqjus li jikkostitwixxi l-approvazzjoni, inkluża referenza għal:

1. Il-programm approvat ta' manutenzjoni, jew
2. Fil-każ ta' inġenju ta' l-ajru li m'huwiex involut fit-trasport kummerċjali bl-ajru, il-programmi ta' manutenzjoni tat-tip "linja bażi" u/jew "ġeneriku" deskritti f' M.A.709.

23) Il-punt (a)3 ta' M.A.704 jinbidel b'li ġej:

(a)3. it-titlu/i u l-isem (ismijiet) ta' persuna/i msemmija f'M.A.706(a) u M.A.706(c), jidentifikaw, jekk ikun applikabbli, liema persuni M.A.706(c) għandhom awtorità li jestendu ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà skond M.A.711(a)4 u M.A.901(f), u;

24) Il-punt (c) ta' M.A.706 jinbidel b'li ġej:

(c) Għandhom jiġu nnominati persuna jew grupp ta' persuni bir-responsabbiltà li jiżguraw li l-organizzazzjoni tkun dejjem konformi ma' din is-Sottoparti. Tali persuna/i għandha/hom tkun/ikunu finalment responsabbli lejn il-manijer responsabbli.

L-organizzazzjoni għandha tiddefinixxi fl-espożizzjoni tal-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa liema minn dawn il-persuni, jekk japplika, għandha l-awtorità li testendi ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà skond M.A.711(a)4 u M.A.901(f). Tali persuna/i għandha/hom tinħarġilha/tinħarġilhom awtorizzazzjoni meta tkun aċċettata formalment mill-awtorità kompetenti.

25) Il-punt (a) ta' M.A.707 jinbidel b'li ġej:

(a) Biex tkun approvata ħalli twettaq reviżjonijiet ta' l-ajrunavigabbiltà, organizzazzjoni approvata ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa jrid ikollha persunal xieraq għal reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà biex toħroġ ċertifikati jew rakkomandazzjonijiet M.A.Sottoparti I ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà.

1. Għal

- l-inġenji ta' l-ajru kollha użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, u
- l-inġenji ta' l-ajru ta' aktar minn 2730 kg MTOM, barra l-blalen, dan il-persunal irid ikollu:
 - a. mill-inqas ħames snin esperjenza fl-ajrunavigabbiltà kontinwa, u;
 - b. liċenzja Parti 66 adegwata jew kwalifika adegwata tal-persunal ta' manutenzjoni rikonoxxuta minn Stat Membru għall-kategorija ta' l-inġenju ta' l-ajru (fejn il-Parti 66 tirreferi għar-regolamenti ta' l-Istat Membru) jew grad aeronawtiku jew l-ekwivalenti, u;
 - c. taħriġ formali fil-manutenzjoni aeronawtika, u;
 - d. pożizzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni approvata b'responsabbiltajiet adegwati. Minbarra dan ta' hawn fuq, ir-rekwiżit li hemm fil-paragrafu M.A.707(a)1(b) jista' jinbidel ma' ħames snin esperjenza fl-ajrunavigabbiltà kontinwa b'żieda ma' dawk diġà meħtieġa fil-paragrafu M.A.707(a)1(a).

2. Għal

- inġenju ta' l-ajru ta' 2730 kg MTOM u anqas, u
- blalen,

mhux użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, dan il-persunal irid ikollu:

- a. mill-inqas tliet snin esperjenza fl-ajrunavigabbiltà kontinwa, u;
- b. liċenzja Parti 66 adegwata jew kwalifika adegwata tal-persunal ta' manutenzjoni rikonoxxuta f'livell nazzjonali għall-kategorija ta' l-inġenju ta' l-ajru (fejn il-Parti 66 tirreferi għar-regolamenti nazzjonali) jew grad aeronawtiku jew l-ekwivalenti, u;
- c. taħriġ adattat fil-manutenzjoni aeronawtika, u;
- d. pożizzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni approvata b'responsabbiltajiet adegwati. Minbarra dan ta' fuq, ir-rekwiżit li hemm fil-paragrafu M.A.707(a)2(b) jista' jinbidel ma' erba' snin esperjenza fl-ajrunavigabbiltà kontinwa b'żieda ma' dawk diġà meħtieġa fil-paragrafu M.A.707(a)2(a).

26) Il-punt (b)2 ta' M.A.708 jinbidel b'li ġej:

- (b)2. tippreżenta l-programm ta' manutenzjoni ta' inġenju ta' l-ajru u l-emendi tiegħu lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni (sakemm ma tkunx koperta minn proċedura ta' approvazzjoni indiretta skond M.A.302) u tipprovdi kopja tal-programm lis-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru operat b'mod mhux kummerċjali,

27) M.A.709 jinbidel b'li ġej:

M.A.709 Dokumentazzjoni

L-organizzazzjoni approvata għall-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa għandha żżomm u tuża dejta attwali tal-manutenzjoni M.A.401 applikabbli fit-tweġġ tal-kompiti M.A.708 ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa. Fil-każ tad-dejta ta' manutenzjoni pprovduta mill-klijenti, huwa meħtieġ li tinżamm tali dejta biss meta jkun hemm kuntratt ma' tali klijent, bl-eċċezzjoni tal-ħtieġa li tkun konformi ma' M.A.714.

Għal inġenji ta' l-ajru mhux involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru, biex issir l-approvazzjoni inizjali u/jew l-estensjoni ta' l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa eżistenti li ma jkollhiex klijenti b'kuntratt għall-ambitu ta' l-applikazzjoni tax-xogħol mitlub, huwa aċċettabbli li jiġu żviluppati programmi ta' manutenzjoni "linja bażi" u/jew "ġeneriċi" kif ġej:

- **Programm ta' manutenzjoni "linja bażi"**: huwa programm ta' manutenzjoni żviluppat għal tip ta' inġenju ta' l-ajru partikolari wara, fejn ikun applikabbli, ir-rapport tal-bord ta' reviżjoni tal-manutenzjoni (MRB), id-dokument ta' l-ippjanar tal-manutenzjoni (MPD) ta' detentur ta' ċertifikat tat-tip, il-kapitoli rilevanti tal-manwal tal-manutenzjoni jew kwalunkwe dejta oħra tal-manutenzjoni li jkun fiha informazzjoni dwar l-iskedar.
- **Programm ta' manutenzjoni "ġeneriku"**: huwa programm ta' manutenzjoni li jista' jkun żviluppat biex ikopri tipi simili ta' inġenji ta' l-ajru. Dawn il-programmi għandhom ikunu bbażati fuq l-istess tip ta' struzzjonijiet bħall-programmi ta' manutenzjoni linja bażi.

Ir-referenza tal-programmi ta' manutenzjoni "linja bażi" u "ġeneriċi", kif applikabbli, għandha tkun inkluża fl-espożizzjoni tal-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa (CAME) kif meħtieġ minn M.A.703.

28) M.A.711 jinbidel b'li ġej:

M.A.711 Privileġġi ta' l-organizzazzjoni

- (a) Organizzazzjoni approvata għall-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa, tista':
 1. tmexxi l-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' inġenji ta' l-ajru tat-trasport mhux kummerċjali bl-ajru kif elenkat fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni.

2. tmexxi l-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' inġenji ta' l-ajru tat-trasport kummerċjali bl-ajru meta elenkata kemm fuq iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tagħha kif ukoll fuq iċ-ċertifikat ta' l-operatur bl-ajru tagħha.
 3. tirranġa biex twettaq kwalunkwe kompitu ta' ajrunavigabbiltà kontinwa fil-limiti ta' l-approvazzjoni tagħha ma' organizzazzjoni oħra subappaltata li tkun qiegħda taħdem skond is-sistema tal-kwalità tagħha.
 4. testendi, skond il-kundizzjonijiet ta' M.A.901(f), ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà li kien inġareġ mill-awtorità kompetenti jew minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti G oħra.
- (b) Organizzazzjoni approvata għall-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa, tista', b'mod addizzjonali, tkun approvata biex twettaq reviżjonijiet ta' l-ajrunavigabbiltà M.A.710 u:
1. toħroġ iċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà relatat u sussegwentement testendih skond il-kundizzjonijiet ta' M.A.901(c)2 jew M.A.901(e)2, u,
 2. M.A.710 tagħmel rakkomandazzjoni għal reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Fil-każ partikolari tal-blalen u kwalunkwe inġenju ta' l-ajru ieħor ta' 2730 kg MTOM u anqas, li m'humix użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, ir-rakkomandazzjoni tista' tinġareġ biss dwar l-importazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru minn pajjiż terz skond il-Parti 21 u M.A.904.
- (c) Organizzazzjoni għandha tkun irreġistrata f'wieħed mill-Istati Membri biex tingħata l-privileġġ skond il-paragrafu (b).

29) Il-punt (f) ta' M.A.712 jinbidel b'li ġej:

- (f) Fil-każ ta' organizzazzjoni M.A. Sottoparti G żgħira mhux involuta f'inġenji ta' l-ajru użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, is-sistema tal-kwalità tista' tinbidel bit-tweqqif ta' reviżjonijiet organizzattivi fuq bażi regolari minbarra meta l-organizzazzjoni toħroġ ċertifikati ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà għall-inġenji ta' l-ajru ta' aktar minn 2730 kg MTOM barra l-blalen.
- Madankollu, organizzazzjoni ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa li ma jkollhiex Sistema ta' Kwalità m'għandhiex tagħti l-kompiti ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa b'subappalt lil organizzazzjonijiet oħra.

30) Il-punt (b) ta' M.A.714 jinbidel b'li ġej:

- (b) L-organizzazzjoni ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa għandha żżomm kopja ta' kwalunkwe ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà li tkun estendiet skond il-privileġġ M.A.711(a)4. Barra minn hekk, jekk l-organizzazzjoni ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa jkollha l-privileġġ M.A.711(b), hija għandha żżomm kopja ta' kull ċertifikat u rakkomandazzjoni ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà maħruġ jew, jekk ikun applikabbli, estiż, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn kollha.

31) M.A.801 jinbidel b'li ġej:

M.A.801 Ċertifikat għall-inġenji ta' l-ajru sabiex jinħarġu għall-użu

- (a) Minbarra l-inġenji ta' l-ajru li nħarġu għall-użu minn organizzazzjoni Parti 145, iċ-ċertifikat sabiex jinħarġu għall-użu għandu jinħareġ skond din is-Sottoparti.
- (b) Ċertifikat sabiex jinħarġu għall-użu għandu jinħareġ qabel it-titjira mat-tlestija ta' kwalunkwe manutenzjoni. Meta tkun sodisfatta li l-manutenzjoni meħtieġa kollha twettqet b'mod adattat, għandu jinħareġ ċertifikat ta' ħruġ għall-użu:
1. Minn persunal adatt li jiċċertifika f'isem l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti F ta' manutenzjoni approvata; jew
 2. Minbarra kompiti ta' manutenzjoni kumplessi elenkati fl-Appendiċi VII, minn persunal li jiċċertifika f'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti 66; jew
 3. Mill-pilota-sid M.A.803.
- (c) Għal inġenji ta' l-ajru ELA1 mhux użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, kompiti ta' manutenzjoni kumplessi ta' l-inġenji ta' l-ajru elenkati fl-Appendiċi VII jistgħu jinħarġu mill-persunal li jiċċertifika M.A.801(b)2, bil-kundizzjoni li s-sid jaqbel dwar programm ta' xogħol ma' l-awtorità kompetenti qabel il-bidu ta' dawn il-kompiti u

sakemm l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-persunal li jiċċertifika M.A.801(b)2 għandu kwalifiki adegwati u esperjenza reċenti, id-dejta, l-għodda, it-tagħmir u l-materjali għall-manutenzjoni applikabbli u għandu aċċess għall-faċilitajiet adegwati.

- (d) B'deroga minn M.A.801(b), fil-każ ta' sitwazzjonijiet mhux previsti, fejn inġenju ta' l-ajru jinżamm milli jtir f'post fejn ma jkunx hemm organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata jew persunal adegwat li jiċċertifika disponibbli, is-sid jista' jawtorizza kwalunkwe persuna, b'mhux inqas minn 3 snin esperjenza adegwata fil-manutenzjoni u li jkollha l-kwalifiki adegwati, biex twettaq il-manutenzjoni skond l-istandards stipulati fis-Sottoparti D u toħroġ għall-użu l-inġenju ta' l-ajru, sakemm ma jkunx hemm organizzazzjoni approvata b'mod adegwat skond din il-Parti jew il-Parti 145 f'dak il-post.

Is-sid għandu:

1. jikseb u jżomm fl-inġenju ta' l-ajru, id-dettalji tar-reġistri tax-xogħol kollu mwettaq u tal-kwalifiki ta' dik il-persuna li ħarġet iċ-ċertifikazzjoni, u
 2. jiżgura li kwalunkwe manutenzjoni bħal din tiġi eżaminata mill-ġdid u maħruġa minn persuna M.A.801(b) awtorizzata b'mod adattat jew organizzazzjoni Sottoparti F jew organizzazzjoni Parti 145 ma' l-ewwel opportunità imma fi żmien perjodu ta' mhux aktar minn 7 ijiem, u
 3. jinnotifika l-organizzazzjoni Sottoparti G responsabbli għall-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa meta subappaltata skond M.A.201(e), jew l-awtorità kompetenti fin-nuqqas ta' tali kuntratt, fi żmien 7 ijiem mill-ħruġ ta' tali ċertifikazzjoni ta' awtorizzazzjoni.
- (e) Fil-każ ta' ħruġ għall-użu skond M.A.801(b)2 u M.A.801(c) il-persunal li jiċċertifika jista' jkun meġġjun fit-twettiq tal-kompiti ta' manutenzjoni minn persuna jew persuni taħt il-kontroll dirett u kontinwu tal-persunal li jiċċertifika.
- (f) Ċertifikat ta' ħruġ għall-użu għandu jkun fih dettalji bażiċi dwar il-manutenzjoni li twettqet, id-data meta tlestiet tali manutenzjoni u:
1. l-identità fosthom ir-referenza ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti F tal-manutenzjoni approvata u l-persunal li jiċċertifika li ħarġ tali ċertifikat; jew
 2. fil-każ ta' ċertifikat Sottoparagrafu M.A.801(b)2 jew M.A.801(c) ta' ħruġ għall-użu, l-identità u n-numru tal-liċenzja jekk ikun applikabbli, tal-persunal li jiċċertifika li ħarġ tali ċertifikat.
- (g) Minkejja l-paragrafu (b) fil-każ ta' manutenzjoni mhux kompluta, tali fatt għandu jiddaħħal iċ-ċertifikat tal-ħruġ għall-użu ta' l-inġenju ta' l-ajru qabel il-ħruġ ta' tali ċertifikat.
- (h) M'għandux jinħareġ ċertifikat ta' ħruġ għall-użu fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità li jkun magħruf li tipperikola serjament is-sigurtà tat-titjira.

32) M.A.802 tinbidel b'li ġej:

M.A.802 Ċertifikat għall-komponenti sabiex jinħarġu għall-użu

- (a) Għandu jinħareġ ċertifikat ta' ħruġ għall-użu meta titlesta kwalunkwe manutenzjoni mwettqa fuq komponent ta' inġenju ta' l-ajru skond M.A.502.
- (b) Iċ-ċertifikat ta' ħruġ awtorizzat, identifikat bħala l-Formola 1 ta' l-EASA għall-Istati Membri, jikkostitwixxi iċ-ċertifikat ta' ħruġ għall-użu ta' komponent ta' inġenju ta' l-ajru, minbarra meta tali manutenzjoni fuq komponent ta' inġenju ta' l-ajru tkun twettqet skond il-paragrafi M.A.502(b) jew M.A.502(d), fejn f'dak il-każ il-manutenzjoni se tkun suġġetta għall-proċeduri ta' ħruġ ta' inġenju ta' l-ajru skond M.A.801.

33) M.A.803 tinbidel b'dan li ġej:

M.A.803 Awtorizzazzjoni għall-pilota-sid

- (a) Biex persuna tikkwalifika bħala pilota-sid, għandha:
1. ikollha liċenzja ta' pilota valida (jew l-ekwivalenti) maħruġa u vvalidata minn Stat Membru għat-tip jew rata tal-klassi ta' l-inġenju ta' l-ajru u;
 2. ikun is-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru, jew bħala;

- (i) sid uniku, jew
- (ii) sid konġunt li jkun:
 - wieħed mill-persuni fiżiċi fil-formola tar-reġstrazzjoni, jew
 - membru ta' entità ġuridika rikreattiva mingħajr skop ta' lukru, fejn l-entità ġuridika tkun speċifikata fid-dokument tar-reġstrazzjoni bħala s-sid, u dak l-individwu jkun involut direttament fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-entità ġuridika u nnominat minn dik l-entità ġuridika biex iwettaq il-manutenzjoni tal-pilota-sid.
- (b) Għal kwalunkwe inġenju ta' l-ajru mhux kumpless imħaddem b'magna operat privatament ta' 2730 kg MTOM u inqas, glajder jew glajder bil-magna u ballun, il-pilota-sid jista' joħroġ iċ-ċertifikat ta' ħruġ għall-użu wara manutenzjoni limitata mill-pilota-sid speċifikata fl-Appendiċi VIII.
- (c) L-ambitu ta' l-applikazzjoni tal-manutenzjoni limitata mill-pilota-sid għandu jkun speċifikat fil-programm ta' manutenzjoni għal inġenju ta' l-ajru M.A.302.
- (d) Iċ-ċertifikat ta' ħruġ għall-użu jrid jiddaħħal fil-ġurnali u jkun fih d-dettalji bażiċi dwar il-manutenzjoni mwettqa, id-dejta użata fil-manutenzjoni, id-data meta tlestiet tali manutenzjoni u l-identità, il-firma u n-numru tal-liċenzja tal-pilota tal-pilota-sid li ħareġ tali ċertifikat.

34)M.A.901 tinbidel b'dan li ġejj:

M.A.901 Reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenji ta' l-ajru

Biex tkun żgurata l-validità ta' ċertifikat dwar l-ajrunavigabbiltà ta' inġenju ta' l-ajru, minn żmien għall-ieħor trid titwettaq reviżjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru u tad-dokumentazzjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa tiegħu.

- (a) Ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà jinħareġ skond l-Appendiċi III (Formola 15a jew 15b ta' l-EASA) meta titlesta reviżjoni sodisfaċenti dwar l-ajrunavigabbiltà u jibqa' validu għal sena waħda.
- (b) Inġenju ta' l-ajru f'ambjent ikkontrollat huwa inġenju ta' l-ajru ta' ġestjoni kontinwa matul l-aħħar 12-il xahar minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti G unika, u li kellu manutenzjoni matul l-aħħar 12-il xahar minn organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati. Dan jinkludi l-kompiti ta' manutenzjoni M.A.803(b) imwettqa u l-ħruġ għall-użu skond M.A.801(b)2 jew M.A.801(b)3.
- (c) Għal
 - l-inġenji ta' l-ajru kollha użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, u
 - l-inġenji ta' l-ajru ta' aktar minn 2730 kg MTOM, barra l-blalen, li huma f'ambjent ikkontrollat, l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G li tmexxi l-inġenju ta' l-ajru tista' jekk tkun approvata b'mod adegwat:
 1. toħroġ iċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà skond M.A.710, u;
 2. għaċ-ċertifikati ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà li tkun ħarġet, meta l-inġenju ta' l-ajru jkun baqa' f'ambjent ikkontrollat, testendi darbejn il-validità taċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà għal perjodu ta' sena kull darba. Ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà m'għandux ikun estiż jekk l-organizzazzjoni tagħraf jew ikollha raġuni biex temmen li l-inġenju ta' l-ajru ma jkunx ajrunavigabbli.
- (d) Għal
 - l-inġenji ta' l-ajru kollha użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, u
 - l-inġenji ta' l-ajru ta' aktar minn 2730 kg MTOM, barra l-blalen, li m'humiex f'ambjent ikkontrollat, jew li huma mmaniġġjati minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti G li m'għandhiex il-privileġġ li twettaq reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà, iċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti li ssegwi valutazzjoni sodisfaċenti bbażata fuq rakkomandazzjoni magħmula minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti G approvata b'mod adegwat mibgħuta flimkien ma' l-applikazzjoni mis-sid jew l-operatur. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tkun ibbażata fuq reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà mwettqa skond M.A.710.
- (e) Għal
 - l-inġenji ta' l-ajru ta' 2730 kg MTOM u anqas, u
 - il-blalen,

li ma jintużawx fit-trasport kummerċjali bl-ajru, kwalunkwe organizzazzjoni M.A. Sottoparti G maħtura mis-sid/mill-operatur tista' jekk tkun approvata b'mod adegwat:

1. toħroġ iċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà skond M.A.710, u;
 2. għaċ-ċertifikati ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà li tkun ħarġet, meta l-inġenju ta' l-ajru jkun baqa' f'ambjent ikkontrollat fil-ġestjoni tagħha, testendi darbtejn il-validità taċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà għal perjodu ta' sena kull darba. Ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà m'għandux ikun estiż jekk l-organizzazzjoni tagħraf jew ikollha raġuni biex temmen li l-inġenju ta' l-ajru ma jkunx ajrunavigabbli.
- (f) B'deroga minn M.A.901(c)2 u M.A.901(e)2, għal inġenji ta' l-ajru li jkunu f'ambjent ikkontrollat, l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G li tmexxi l-inġenji ta' l-ajru tista' testendi darbtejn għal perjodu ta' sena kull darba l-validità taċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà li kien inħareġ mill-awtorità kompetenti jew minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti G oħra. Ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà m'għandux ikun estiż jekk l-organizzazzjoni tagħraf jew ikollha raġuni biex temmen li l-inġenju ta' l-ajru ma jkunx ajrunavigabbli.
- (g) B'deroga minn M.A.901(e) u M.A.901(h)2, għal inġenji ta' l-ajru ELA1 mhux użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru u mhux affettwati minn M.A.201(i), iċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà jista' jinħareġ ukoll mill-awtorità kompetenti li ssegwi valutazzjoni sodisfaċenti bbażata fuq rakkomandazzjoni, magħmula minn persunal li jiċċertifika li jkun jikkonforma mar-rekwiżit Parti 66 u M.A.707(a)2(a), mibgħuta flimkien ma' l-applikazzjoni mis-sid jew l-operatur. Din ir-rakkomandazzjoni għandha tkun ibbażata fuq reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà mwettqa skond M.A.710. Din id-deroga m'għandhiex tkun applikata għal aktar minn sentejn konsekuttivi, bir-rekwiżit li kull tliet snin iċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà jinħareġ jew mill-awtorità kompetenti jew minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti G approvata b'mod adattat wara li jkunu wettqu reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà skond M.A.710. Fil-każijiet kollha, u biex tkun applikata din id-deroga, l-awtorità kompetenti trid taċċetta formalment il-persunal li jiċċertifika wara l-verifika tal-kwalifiki u wara t-twettiq sodisfaċenti ta' analiżi dwar l-ajrunavigabbiltà taħt is-sorveljanza ta' l-awtorità kompetenti.
- Il-persunal ta' ċertifikazzjoni li se jwettaq reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà jrid ikun ipprovdut bid-dokumentazzjoni meħtieġa u akkomodazzjoni xierqa fil-post adattat.
- (h) L-awtorità kompetenti għandha twettaq reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà u hija stess toħroġ iċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà fil-każijiet li ġejjin:
1. kull meta ċ-ċirkostanzi juru l-eżistenza ta' theddida potenzjali għas-sigurtà, jew
 2. kull meta tkun mitluba mis-sid għall-blalen kollha u kwalunkwe inġenju ta' l-ajru ta' 2730 kg MTOM u anqas, mhux użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru.
- (i) B'żieda mal-paragrafu (h), l-awtorità kompetenti tista' twettaq ukoll reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà u hija stess toħroġ iċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà għal inġenji ta' l-ajru mhux involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru meta l-inġenji ta' l-ajru jkunu mmexxija minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti G li tinsab f'pajjiż terz.
- (j) Meta l-awtorità kompetenti twettaq reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà u/jew hija stess toħroġ iċ-ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà, is-sid jew l-operatur għandu jipprovidi dawn lill-awtorità kompetenti:
- id-dokumentazzjoni meħtieġa mill-awtorità kompetenti, u
 - akkomodazzjoni xierqa għall-persunal tagħha fil-post xieraq, u
 - meta jkun meħtieġ l-appoġġ ta' persunal ikkwalifikat b'mod adegwat skond il-Parti 66 jew l-ekwivalenti skond 145.A.30(j)(1) u (2).
- (k) Għall-inġenji ta' l-ajru ġodda magħmula fl-UE, iċ-ċertifikat inizjali ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà għandu jinħareġ flimkien maċ-ċertifikat inizjali ta' l-ajrunavigabbiltà meta tinkiseb konformità ma' 21A.183, paragrafu 1. Mhix meħtieġa reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà.

35) Il-punti (a) u (b) ta' M.A.904 jinbidlu b'dan li ġejj:

- (a) Meta ssir l-importazzjoni ta' inġenju ta' l-ajru għal ġor-reġistru ta' Stat Membru minn pajjiż terz, l-applikant għandu:

1. jitlob lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' l-ajrunavigabbiltà ġdid skond il-Parti 21; u
 2. jara li titwettaq reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà minn organizzazzjoni approvata adegwament għall-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa jew, fil-każ ta' inġenji ta' l-ajru ELA1, mill-awtorità kompetenti; u
 3. jara li titwettaq il-manutenzjoni kollha kif mitluba mill-organizzazzjoni ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa jew, fil-każ ta' l-inġenji ta' l-ajru ELA1, mill-awtorità kompetenti kif meħtieġ biex ikun konformi mal-programm ta' manutenzjoni M.A.302 approvat.
- (b) Meta tkun sodisfatta li l-inġenju ta' l-ajru huwa konformi mar-rekwiżiti rilevanti, l-organizzazzjoni ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa, jekk japplika, għandha tibgħat rakkomandazzjoni ddokumentata għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

36) Fil-punt (b) ta' M.B.301, "M.A.302(e)" tinbidel b'"M.A.302(c)".

37) Fil-punt (d) ta' M.B.301, "M.A.302(c) u (d)" jinbidlu b'"M.A.302(d), (e) u (f)".

38) Fil-punt (a) ta' M.B.303, "Kull awtorità kompetenti" tinbidel b'"L-awtorità kompetenti":

39) F'M.B.303, jiżdied il-punt (i) li ġej:

- (i) Biex titħaffef l-azzjoni ta' infurzar xierqa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw tagħrif dwar in-nuqqasijiet ta' konformità identifikati skond il-paragrafu (h) hawn fuq.

40) M.B.606 tinbidel b'dan li ġej:

M.B.606 Bidliet

L-awtorità kompetenti għandha tkun konformi ma' l-elementi applikabbli tal-paragrafi tal-proċess inizjali għal kull bidla fl-organizzazzjoni nnotifikata skond M.A.617.

L-awtorità kompetenti tista' tippreskrivi l-kundizzjonijiet li bihom l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni M.A. Sottoparti F approvata tista' topera matul tali tibdiliet sakemm ma tiddeċidix li l-approvazzjoni għandha tiġi sospiża.

Għal kwalunkwe bidla fil-manwal ta' l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni:

- (a) Fil-każ ta' approvazzjoni diretta ta' l-emendi għall-manwal ta' l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-proċeduri speċifikati fil-manwal ikunu konformi mal-Parti M qabel ma tinnotifika formalment lill-organizzazzjoni approvata dwar l-approvazzjoni.
- (b) Fil-każ ta' approvazzjoni indiretta ta' l-emendi għall-manwal ta' l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li għandha kontroll adattat fuq l-approvazzjoni ta' l-emendi kollha għall-manwal.

41) M.B.706 tinbidel b'dan li ġej:

M.B.706 Bidliet

L-awtorità kompetenti għandha tkun konformi ma' l-elementi applikabbli tal-paragrafi tal-proċess inizjali għal kull bidla fl-organizzazzjoni nnotifikata skond M.A.713.

L-awtorità kompetenti tista' tippreskrivi l-kundizzjonijiet li bihom l-organizzazzjoni ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa M.A. Sottoparti G approvata tista' topera matul tali tibdiliet sakemm ma tiddeċidix li l-approvazzjoni għandha tiġi sospiża.

Għal kwalunkwe bidla fl-espożizzjoni tal-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa:

- (a) Fil-każ ta' approvazzjoni diretta ta' l-emendi fl-espożizzjoni tal-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika li l-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni huma konformi mal-Parti M qabel ma tinnotifika formalment lill-organizzazzjoni approvata dwar l-approvazzjoni.
- (b) Fil-każ ta' approvazzjoni indiretta ta' l-emendi fl-espożizzjoni tal-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li għandha kontroll adattat fuq l-approvazzjoni ta' l-emendi kollha fl-espożizzjoni.

42) F'M.B.901, "M.A.902(d)" tinbidel b'"M.A.901".

43) M.B.902 tinbidel b'dan li ġejj:

M.B.902 Reviżjoni ta' I-ajrunavigabbiltà mill-awtorità kompetenti

(a) Meta awtorità kompetenti twettaq reviżjoni ta' I-ajrunavigabbiltà u toħroġ il-Formola 15a ta' I-EASA (Appendiċi III) li hija ċ-ċertifikat tar-reviżjoni ta' I-ajrunavigabbiltà, I-awtorità kompetenti għandha twettaq reviżjoni ta' I-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-preskrizzjonijiet ta' M.A.710.

(b) L-awtorità kompetenti għandu jkollha persunal adattat għar-reviżjoni ta' I-ajrunavigabbiltà biex twettaq ir-reviżjonijiet ta' I-ajrunavigabbiltà.

1. Għal

- I-inġenji ta' I-ajru kollha użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, u

- I-inġenji ta' I-ajru ta' aktar minn 2730 kg MTOM, barra l-blalen, dan il-persunal irid ikollu:

a. mill-inqas ħames snin esperjenza fl-ajrunavigabbiltà kontinwa, u;

b. liċenzja Parti 66 adegwata jew grad aeronawtiku jew I-ekwivalenti, u;

c. taħriġ formali fil-manutenzjoni aeronawtika, u;

d. pożizzjoni fl-organizzazzjoni approvata b'responsabbiltajiet adegwati.

Minbarra dan ta' hawn fuq, ir-rekwiżit li hemm fil-paragrafu M.B.902(b)1(b) jista' jinbidel ma' ħames snin esperjenza fl-ajrunavigabbiltà kontinwa b'żieda ma' dawk diġà meħtieġa mill-paragrafu M.B.902(b)1(a).

2. Għal

- I-inġenji ta' I-ajru ta' 2730 kg MTOM u anqas, u

- blalen,

mħux użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru,

dan il-persunal għandu jkollu:

a. mill-inqas tliet snin esperjenza fl-ajrunavigabbiltà kontinwa, u;

b. liċenzja Parti 66 adattata jew kwalifika tal-persunal ta' manutenzjoni rikonoxxuta mill-Istat Membru adatta għall-kategorija ta' I-inġenju ta' I-ajru (fejn Parti 66 tirreferi għar-regolamenti ta' I-Istat Membru) jew grad aeronawtiku jew I-ekwivalente, u;

c. taħriġ adattat fil-manutenzjoni aeronawtika, u;

d. pożizzjoni fl-organizzazzjoni approvata b'responsabbiltajiet adattati.

Minbarra dan ta' fuq, ir-rekwiżit li hemm fil-paragrafu M.B.902(b)2(b) jista' jinbidel ma' erba' snin esperjenza fl-ajrunavigabbiltà kontinwa b'żieda ma' dawk diġà meħtieġa fil-paragrafu M.B.902(b)2(a).

(c) L-awtorità kompetenti għandha żżomm rekord tal-persunal kollu tar-reviżjoni ta' I-ajrunavigabbiltà, li għandu jinkludi d-dettalji ta' kwalunkwe kwalifika adegwata li jkollu l-persunal flimkien ma' sommarju ta' I-esperjenza u t-taħriġ rilevanti fil-ġestjoni ta' I-ajrunavigabbiltà kontinwa.

(d) L-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess għad-dejta applikabbli kif speċifikat f'M.A.305, M.A.306 u M.A.401 fit-tweġiq tar-reviżjoni ta' I-ajrunavigabbiltà.

(e) Il-persunal li jwettaq ir-reviżjoni ta' I-ajrunavigabbiltà għandu joħroġ il-Formola 15a wara t-tlestija sodisfaċenti tar-reviżjoni ta' I-ajrunavigabbiltà.

44) Paragrafi 5.1 u 5.2 ta' I-Appendiċi I "Arranġament ta' I-Ajrunavigabbiltà Kontinwa" jinbidlu b'li ġejj:

5.1. L-obbligi ta' I-organizzazzjoni approvata:

1. ikollha t-tip ta' inġenju ta' I-ajru fl-ambitu ta' I-applikazzjoni ta' I-approvazzjoni tagħha;

2. tirrispetta I-kundizzjonijiet li twettaq il-manutenzjoni ta' I-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' I-inġenji ta' I-ajru elenkati hawn taħt:

- tiżviluppa programm ta' manutenzjoni għall-inġenji ta' I-ajru, inkluż kwalunkwe programm ta' affidabilità żviluppat jekk ikun applikabbli.

- tiddikjara I-kompiti ta' manutenzjoni (fil-programm ta' manutenzjoni) li jistgħu jitwettqu skond M.A.803 (c),

- torganizza l-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru,
 - meta jkun approvat, tagħti kopja tal-programm ta' manutenzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru lis-sid,
 - torganizza spezzjoni li timla l-vojt mill-programm ta' manutenzjoni ta' qabel ta' l-inġenju ta' l-ajru,
 - torganizza l-manutenzjoni kollha li trid titwettaq minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata,
 - torganizza l-applikazzjoni tad-direttivi kollha dwar l-ajrunavigabbiltà li japplikaw,
 - torganizza biex id-difetti kollha li jkunu nkixfu matul manutenzjoni skedata, reviżjonijiet ta' l-ajrunavigabbiltà jew irrappurtati mis-sid jiġu kkorreġuti minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata,
 - tikkordina l-manutenzjoni skedata, l-applikazzjoni tad-direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà, il-bdil ta' partijiet li jistgħu jintużaw għal żmien limitat, u r-rekwiżiti ta' spezzjonijiet tal-komponenti,
 - tinforma lis-sid kull meta l-inġenju ta' l-ajru jkollu jinġieb għand organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata,
 - twettaq il-ġestjoni tad-dokumentazzjoni teknika kollha,
 - tarkivja d-dokumentazzjoni teknika kollha;
3. torganizza l-approvazzjoni tal-modifiki kollha għall-inġenju ta' l-ajru skond il-Parti 21 qabel iseħħu;
 4. torganizza l-approvazzjoni tat-tiswijiet kollha ta' l-inġenju ta' l-ajru skond il-Parti 21 qabel iseħħu;
 5. tinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta l-inġenju ta' l-ajru ma jkunx ippreżentat mis-sid lil organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif mitlub mill-organizzazzjoni approvata;
 6. tinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta l-arranġament attwali ma jiġix irrispettat;
 7. twettaq ir-reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenju ta' l-ajru meta tkun meħtieġa u toħroġ iċ-ċertifikat jew ir-rakkomandazzjoni tar-reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Għall-blalen kollha u kwalunkwe inġenju ta' l-ajru ta' 2730 kg MTOM u anqas, mhux użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru, ir-rakkomandazzjoni għandha tinħareġ biss meta ssir l-importazzjoni ta' inġenju ta' l-ajru skond il-Parti 21 u M.A.904.
 8. tibgħat fi żmien 10 ijiem kopja ta' kwalunkwe ċertifikat ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà maħruġ jew imtawwal lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.
 9. twettaq ir-rapport ta' l-okkorrenzi kollha kif ordnat bis-saħħa ta' mandat mir-regolamenti applikabbli;
 10. tinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta l-arranġament attwali jkun iddenunċjat minn xi waħda mill-partijiet.

5.2. L-obbligi tas-sid:

1. ikollu fehim ġenerali tal-programm ta' manutenzjoni approvat;
2. ikollu fehim ġenerali tal-Parti M;
3. jippreżenta l-inġenju ta' l-ajru lill-organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata maqbula ma' l-organizzazzjoni approvata fi żmien xieraq indikat mit-talba ta' l-organizzazzjoni approvata;
4. ma jimmodifikax l-inġenju ta' l-ajru mingħajr ma jikkonsulta minn qabel ma' l-organizzazzjoni approvata;
5. jinforma lill-organizzazzjoni approvata dwar il-manutenzjoni kollha mwettqa bħala eċċezzjoni mingħajr l-għarfien u l-kontroll ta' l-organizzazzjoni approvata;
6. jirrapporta lill-organizzazzjoni approvata permezz tal-ġurnal id-difetti kollha misjuba matul l-operazzjonijiet;
7. jinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta l-arranġament attwali jiġi ddenunċjat minn xi waħda mill-partijiet.
8. jinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u l-organizzazzjoni approvata kull meta jinbiegħ l-inġenju ta' l-ajru.

9. iwettaq ir-rapport ta' l-okkorrenzi kollha kif ordnat bis-saħħa ta' mandat mir-regolamenti applikabbli.
10. jinforma fuq bażi regolari lill-organizzazzjoni approvata dwar is-sigħat ta' titjir ta' l-inġenju ta' l-ajru u kwalunkwe dejta oħra dwar l-utilizzazzjoni, kif miftiehem ma' l-organizzazzjoni approvata.
11. idañħal iċ-ċertifikat tal-ħruġ għall-użu fil-ġurnali kif jissemma f'M.A.803(d) meta jwettaq manutenzjoni ta' pilota-sid mingħar ma jaqbeż il-limiti tal-lista tal-kompiti ta' manutenzjoni kif iddikjarati fil-programm ta' manutenzjoni approvat (M.A.803(c)).
12. jinforma lill-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tlestija ta' kwalunkwe kompitu ta' manutenzjoni ta' Bdot-sid skond M.A 305(a).

45) Fil-blokk 13 tal-paragrafu 2. MILI TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' ĦRUĠ GĦALL-UŻU MILL-ORIĠINATUR fl-Appendiċi II "Formola 1 ta' l-EASA", it-test " - referenza ta' l-approvazzjoni M.A. Sottoparti F" tinbidel b'" - Id-dikjarazzjoni M.A.613 taċ-Ċertifikat ta' Ħruġ għall-Użu".

46) Il-blokk 19 tal-paragrafu 2. MILI TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' ĦRUĠ GĦALL-UŻU MILL-ORIĠINATUR fl-Appendiċi II "Formola 1 ta' l-EASA", jinbidel b'li ġej:

Il-blokk 19 Għall-manutenzjoni kollha minn organizzazzjoni M.A. Sottoparti F ta' manutenzjoni approvata l-kaxxa "regolazzjoni oħra speċifikata fil-blokk 13" għandha tiġi mmarkata u l-istqarrija taċ-ċertifikat ta' ħruġ għall-użu ssir fil-blokk 13.

Iċ-Ċertifikat M.A.613 segwenti ta' Ħruġ għall-Użu għandu jkun inkluż fil-blokk 13:

"Jiċċertifika li, sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-blokk, ix-xogħol identifikat fil-blokk 12 u deskritt f'dan il-blokk ġie mwettaq skond ir-rekwiżiti tal-Parti M, Sottoparti F u fir-rigward ta' dak ix-xogħol, l-oġġett jitqies bħala lest biex jinħareġ għall-użu. DAN MHUX ĦRUĠ GĦALL-UŻU SKOND IL-PARTI 145."

L-istqarrija ta' ċertifikazzjoni "sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-blokk" hija maħsuba biex tindirizza l-każijiet li ġejjin:

(a) Fejn il-manutenzjoni ma setgħetx titlesta.

(b) Fejn il-manutenzjoni ddevjat mill-istandard mitlub mill-Parti M.

(c) Fejn il-manutenzjoni twettqet skond rekwiżit li mhux tal-Parti M.

F'dan il-każ il-blokk 13 għandu jispeċifika r-regolament nazzjonali partikolari.

Liema każ jew kombinazzjoni ta' każijiet għandhom jiġu speċifikati fil-blokk 13.

47) Fil-Formola 15b ta' l-Appendiċi III "Ċertifikat ta' Reviżjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà", il-blokki għall-ewwel u t-tieni estensjonijiet jinbidlu b'li ġej:

L-ewwel estensjoni: L-inġenju ta' l-ajru, tul l-aħħar sena, baqa' f'ambjent ikkontrollat skond M.A.901. L-inġenju ta' l-ajru jitqies bħala ajrunavigabbli fi żmien il-ħruġ tal-Formola.

Data tal-ħruġ: Data ta' l-iskadenza:

Iffirmata: Numru ta' l-awtorizzazzjoni:

Isem il-kumpanija: Referenza ta' l-approvazzjoni:

It-tieni estensjoni: L-inġenju ta' l-ajru, tul l-aħħar sena, baqa' f'ambjent ikkontrollat skond M.A.901. L-inġenju ta' l-ajru jitqies bħala ajrunavigabbli fi żmien il-ħruġ tal-Formola.

Data tal-ħruġ: Data ta' l-iskadenza:

Iffirmata: Numru ta' l-awtorizzazzjoni:

Isem il-kumpanija: Referenza ta' l-approvazzjoni:

48) Fil-Formola 15b ta' l-Appendiċi III "Ċertifikat ta' Reviżjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà", ir-referenza għar-"Regolament (KE) Nru 1592/2002" tinbidel b'"Regolament (KE) Nru 216/2008".

49) Fil-Formola 15a ta' l-Appendiċi III "Ċertifikat ta' Reviżjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà", ir-referenza għar-"Regolament (KE) Nru 1592/2002" tinbidel b'"Regolament (KE) Nru 216/2008".

50) Fil-Formola 15a ta' l-Appendiċi III "Ċertifikat ta' Reviżjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà", is-sentenza "jitqies bħala ajrunavigabbli fi żmien il-ħruġ tal-Formola" jinbidel b'"jitqies bħala ajrunavigabbli fi żmien ir-reviżjoni".

51) Fl-aħħar tal-Formola 15a ta' l-Appendiċi III "Ċertifikat ta' Reviżjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà", jiżdiedu żewġ blokki għall-ewwel u t-tieni estensjonijiet bil-kontenut li ġej:

L-ewwel estensjoni: L-inġenju ta' l-ajru, tul l-aħħar sena, baqa' f'ambjent ikkontrollat skond M.A.901. L-inġenju ta' l-ajru jitqies bħala ajrunavigabbli fi żmien il-ħruġ tal-Formola.

Data tal-ħruġ: Data ta' l-iskadenza:

Iffirmata: Numru ta' l-awtorizzazzjoni:

Isem il-kumpanija: Referenza ta' l-approvazzjoni:

It-tieni estensjoni: L-inġenju ta' l-ajru, tul l-aħħar sena, baqa' f'ambjent ikkontrollat skond M.A.901. L-inġenju ta' l-ajru jitqies bħala ajrunavigabbli fi żmien il-ħruġ tal-Formola.

Data tal-ħruġ: Data ta' l-iskadenza:

Iffirmata: Numru ta' l-awtorizzazzjoni:

Isem il-kumpanija: Referenza ta' l-approvazzjoni:

52) F'Appendiċi IV "Rati ta' Approvazzjoni", il-punti 4 u 5 jinbidlu b'li ġej:

4. Klassifikazzjoni ta' kategorija A tfisser li organizzazzjoni M.A. Sottoparti F tal-manutenzjoni approvata tista' twettaq manutenzjoni fuq inġenji ta' l-ajru u kwalunkwe komponent (inklużi magni/APUs), skond id-dejta tal-manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru jew, jekk ikun maqbul b'mod speċifiku mill-awtorità kompetenti, skond id-dejta tal-manutenzjoni tal-komponenti, sakemm biss tali komponenti jkunu mwaħħla fl-inġenju ta' l-ajru. Madankollu, tali organizzazzjoni M.A. Sottoparti F tal-manutenzjoni approvata fil-kategorija A tista' temporanjament tneħħi komponent għall-manutenzjoni, biex ittejjeb l-aċċess għal dak il-komponent, ħlief meta tali tneħħija tiġġenera l-ħtieġa għal manutenzjoni addizzjonali li ma tkunx eliġibbli għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sottoparagrafu. Dan se jkun suġġett għal proċedura ta' kontroll fl-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni aċċettabbli għall-Istat Membru. It-taqsimha ta' limitazzjoni se tispeċifika l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' tali manutenzjoni biex b'hekk tindika l-firxa ta' l-approvazzjoni.

5. Klassifikazzjoni ta' kategorija B tfisser li organizzazzjoni tal-manutenzjoni M.A. Sottoparti F approvata tista' twettaq manutenzjoni fuq magni/APU ('Unità Awżiljari ta' l-Enerġija') u komponenti tal-magna/APU mhux imwaħħla, skond id-dejta tal-manutenzjoni tal-magna/APU jew, jekk ikun maqbul b'mod speċifiku mill-awtorità kompetenti, skond id-dejta tal-manutenzjoni tal-komponenti, sakemm tali komponenti jkunu mwaħħla mal-magni/APU biss. Madankollu, tali organizzazzjoni M.A. Sottoparti F tal-manutenzjoni approvata fil-kategorija B tista' temporanjament tneħħi komponent għall-manutenzjoni, biex ittejjeb l-aċċess għal dak il-komponent, ħlief meta tali tneħħija tiġġenera l-ħtieġa għal manutenzjoni addizzjonali li ma tkunx eliġibbli għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sottoparagrafu. It-taqsimha ta' limitazzjoni se tispeċifika l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' tali manutenzjoni biex b'hekk tindika l-firxa ta' l-approvazzjoni. Organizzazzjoni tal-manutenzjoni M.A. Sottoparti F approvata kklassifikata f'kategorija B tista' wkoll twettaq manutenzjoni fuq magna mwaħħla waqt manutenzjoni tal-'bażi' u tal-'linja' suġġetta għal proċedura ta' kontroll fl-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni. L-ambitu ta' l-applikazzjoni tax-xogħol ta' l-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni għandu jirrifletti tali attività fejn dan ikun permess mill-Istat Membru.

53) Appendiċi VI "Ċertifikat ta' Approvazzjoni Parti M Taqsima A Sottoparti G Organizzazzjoni ta' Ġestjoni ta' I-Ajrunavigabbiltà Kontinwa" tinbidel b'li ġej:

Appendiċi VI

Ċertifikat ta' Approvazzjoni Parti M Taqsima A Sottoparti G Organizzazzjoni ta' Ġestjoni ta' I-Ajrunavigabbiltà Kontinwa

STAT MEMBRU*

Stat Membru ta' I-Unjoni Ewropea**

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI
REFERENZA: XX.MG.XXX (ref. AOC XX.XXX)

Skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 attwalment fis-seħħ u mingħajr preġudizzju għall-kundizzjoni speċifikata hawn isfel, l-Istat Membru jiċċertifika

[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPAĊIJA]

bħala organizzazzjoni ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa kif jissema fil-Parti M Taqsima A Sottoparti G approvata biex temxxi l-ajrunavigabbiltà kontinwa ta' l-inġenji ta' l-ajru elenkati fl-iskeda annessa ta' approvazzjoni u biex toħroġ rakkomandazzjonijiet jew Ċertifikati ta' Reviżjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà wara Reviżjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà kif speċifikat f'M.A.710 meta stipulat:

KUNDIZZJONIJIET

1. Din l-approvazzjoni hija limitata għal dak li hemm speċifikat fl-ambitu ta' l-applikazzjoni tat-taqsima ta' l-approvazzjoni ta' l-espożizzjoni tal-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata kif jissema fil-Parti M Taqsima A Sottoparti G.
2. Din l-approvazzjoni teħtieġ konformità mal-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni tal-ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa fil-Parti M approvata.
3. Din l-approvazzjoni hija valida waqt li l-organizzazzjoni ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata tibqa' konformi mal-Parti M.
4. Bla ħsara għall-konformità mal-kundizzjonijiet ta' hawn fuq, din l-approvazzjoni għandha tibqa' valida għal durata mhux limitata sakemm l-approvazzjoni ma tkunx preċedentement ġiet ċeduta, sostitwita, sospiża jew revokata.

F'każ li din il-formola tintuża wkoll għal detenturi ta' l-AOC, in-numru ta' l-AOC għandu jiżjed mar-referenza, b'żieda man-numru standard, u l-kundizzjoni 4 msemmija fuq għandha tinbidel bil-kundizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

5. Din l-approvazzjoni ma tikkostitwixxix awtorizzazzjoni biex ikunu operati t-tipi ta' inġenji ta' l-ajru elenkati hawn fuq. L-awtorizzazzjoni biex ikun operat l-inġenju ta' l-ajru hija ċ-Ċertifikat ta' l-Operatur ta' l-Ajru (AOC).
6. Fejn l-organizzazzjoni ta' ġestjoni ta' l-ajrunavigabbiltà kontinwa tagħti b'subappalti skond is-Sistema ta' Kwalità tagħha s-servizz ta' organizzazzjoni (diversi organizzazzjonijiet), din l-approvazzjoni tibqa' valida bil-kundizzjoni li tali organizzazzjoni(jiet) jissodisfaw l-obbligi kuntrattwali applikabbli.
7. It-terminazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka ta' l-AOC awtomatikament tinvalida l-approvazzjoni attwali fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet ta' l-inġenji ta' l-ajru speċifikati fl-AOC, sakemm ma jkunx iddikjarat espliċitament mod ieħor mill-awtorità kompetenti.
8. Bla ħsara għall-konformità mal-kundizzjonijiet ta' hawn fuq, din l-approvazzjoni għandha tibqa' valida għal durata mhux limitata sakemm l-approvazzjoni ma tkunx preċedentement ġiet ċeduta, sostitwita, sospiża jew revokata.

Data tal-ħruġ oriġinali:

Iffirmat:

Data ta' din ir-reviżjoni:

Nru tar-reviżjoni:

Għall-Awtorità Kompetenti:

Paġna 1 minn

Paġna _ minn _

"*Stat mhux Membru ta' l-UE jew l-EASA, kif applikabbli/**Ħassar għal Stat mhux Membru ta' l-UE jew l-EASA".

Skeda ta' l-Approvazzjoni

Isem ta' l-Organizzazzjoni: [ISEM IL-KUMPAZIJA]

Referenza:

It-tip/serje/grupp ta' inġenju ta' l-ajru	Reviżjoni awtorizzata ta' ajrunavigabbiltà	Organizzazzjoni(jiet) li taħdem(jaħdmu) b'sistema ta' kwalità
	Iva	
	Le	

Din l-Iskeda ta' approvazzjoni hija limitata għal dak li hemm speċifikat fl-ambitu ta' l-applikazzjoni tat-Taqsima ta' approvazzjoni li tinsab fil-Parti M Taqsima A Sottoparti G ta' l-Espożizzjoni approvata tal-Ġestjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà Kontinwa

Referenza ta' l-Espożizzjoni tal-Ġestjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà Kontinwa:

Data tal-ħruġ oriġinali:

Iffirmat:

Data ta' din l-reviżjoni:

Nru tar-reviżjoni:

Għall-Awtorità Kompetenti:

Paġna _ minn _

Formola 14 ta' I-EASA

54)F'Appendiċi VII "Xogħol Kumpless ta' Manutenzjoni", l-ewwel sentenza tinbidel b'li ġej:

Dan li ġej jikkostitwixxi l-kompiti kumplessi ta' manutenzjoni msemmija f' M.A.502(d)3, M.A.801(b)2 u M.A.801(c):

55)F'Appendiċi VII "Xogħol Kumpless ta' Manutenzjoni", jiżdedu l-punti li ġejjin:

3. It-tweġġ tal-manutenzjoni li ġejja fuq magna bil-pistuni:
 - (a) Żarmar u armar mill-ġdid sussegwenti ta' magna bil-pistuni ħliet:
 - (i) biex jinkiseb aċċess għall-immontaturi tal-pistuni/ċilindri;
 - (ii) biex jitneħħa l-għatu ta' l-aċċessorji ta' wara għal spezzjoni u/jew il-bdil ta' l-immontaturi tal-pompa taż-żejt, fejn xogħol bħal dan ma jinvolvi it-tneħħija u t-twaħħil mill-ġdid ta' gerijiet interni;
 - (b) Żarmar u armar mill-ġdid sussegwenti ta' gerijiet ta' tnaqqis;
 - (c) Iwweldjar u bbrejjjar ta' ġonot, barra minn tiswijiet minuri bil-welding f'unitajiet ta' l-egżost imwettqa minn welder approvat jew awtorizzat kif jixraq imma mhux it-tibdil ta' komponenti;
 - (d) It-taħwid ta' partijiet individwali ta' unitajiet li huma fornuti bħala unitajiet ittestjati fuq il-bank tax-xogħol, minbarra t-tibdil jew l-aġġustament ta' oġġetti li normalment jinbidlu jew ikunu aġġustati waqt l-użu.
4. L-ibbilanċjar ta' l-iskrun, ħliet
 - (a) għaċ-ċertifikazzjoni ta' bbilanċjar statiku fejn meħtieġ mill-manwal tal-manutenzjoni;
 - (b) ibbilanċjar dinamiku fuq skrejjen imwaħħla bl-użu ta' tagħmir għall-ibbilanċjar elettroniku fejn ikun permess mill-manwal tal-manutenzjoni jew dejta oħra ta' l-ajrunavigabbiltà approvata;
5. Kwalunkwe kompitu addizzjonali li jeħtieġ:
 - (a) għodda, tagħmir jew faċilitajiet speċjalizzati, jew
 - (b) proċeduri ta' koordinament sinifikanti minħabba d-durata mtawla tal-kompiti u l-involvement ta' diversi persuni.

56)Appendiċi VIII "Manutenzjoni Limitata tal-Pilota-Sid" tinbidel b'li ġej:

Appendiċi VIII

Manutenzjoni Limitata tal-pilota-sid

B'żieda mar-rekwiżiti tal-Parti M, il-prinċipji bażiċi li ġejjin għandhom ikunu sodisfatti qabel jitwettaq kwalunkwe kompitu ta' manutenzjoni skond il-kundizzjonijiet tal-manutenzjoni tal-pilota-sid:

Kompetenza u responsabbiltà

- 1 Il-pilota-sid huwa dejjem responsabbli għal kwalunkwe manutenzjoni li jwettaq.
- 2 Qabel iwettaq kwalunkwe kompiti ta' manutenzjoni pilota-sid, il-pilota-sid għandu jissodisfa lilu nnifsu li huwa kompetenti biex iwettaq il-kompiti. Hija r-responsabbiltà tal-pilota-sidien li jiffamiljarizzaw ruħhom mal-prattiki standard ta' manutenzjoni għall-inġenji ta' l-ajru tagħhom u mal-programm ta' manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru. Jekk il-pilota-sid ma jkunx kompetenti għall-kompiti li jridu jitwettqu, il-kompiti ma jistgħux jinħarġu mill-pilota-sid.
- 3 Il-pilota-sid (jew l-organizzazzjoni M.A. Sottoparti G ikkuntrattata) huwa responsabbli biex jidentifika l-kompiti tal-pilota-sid skond dawn il-prinċipji bażiċi fil-programm ta' manutenzjoni u biex jiżgura li d-dokument jiġi aġġornat fil-ħin.
- 4 L-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni għandha titwettaq skond M.A.302.

Kompiti

Il-pilota-sid jista' jwettaq spezzjonijiet jew operazzjonijiet viżivi sempliċi biex jikkontrolla l-kundizzjoni ġenerali u għal ħsara evidenti u l-operat normali tal-qafas ta' l-ajruplan, il-magni, is-sistemi u l-komponenti.

Il-kompiti tal-manutenzjoni m'għandhomx jitwettqu mill-pilota-sid meta l-kompiti:

- 1 ikunu relatati b'mod kruċjali mas-sigurtà, li t-twettiq ħażin tagħhom jolqot drastikament l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenji ta' l-ajru jew ikunu kompiti ta' manutenzjoni sensittivi li jolqtu s-sigurtà tat-titjira kif speċifikat f'M.A.402(a) u/jew;
- 2 jeħtieġu t-tneħħija ta' komponenti ewlenin jew armar ewlieni u/jew;
- 3 jitwettqu f'konformità mad-Direttiva dwar l-Ajrunavigabbiltà jew Oġġett ta' Limitazzjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà, ħlief meta permess b'mod speċifiku fl-AD jew l-ALI u/jew;
- 4 jeħtieġu l-użu ta' għodda speċjali, għodda kkalibrati (minbarra t-'torque wrench' u 'crimping tool') u/jew;
- 5 jeħtieġu l-użu ta' tagħmir għat-testijiet jew testijiet speċjali (per eżempju NDT, testijiet tas-sistema jew testijiet operattivi ta' tagħmir avjoniku) u/jew;
- 6 ikunu komposti minn kwalunkwe spezzjonijiet speċjali mhux skedati (per eżempju test ta' nżul f'daqqa) u/jew;
- 7 qed jolqtu sistemi essenzjali għall-operazzjonijiet IFR u/jew;
- 8 ikunu elenkati fl-Appendiċi VII jew ikunu kompiti ta' manutenzjoni ta' komponenti skond M.A.502.

Il-kriterji elenkati fuq ma jistgħux jingħelbu minn struzzjonijiet anqas ristrettivi maħruġa skond "il-Programm ta' Manutenzjoni M.A.302(d)".

Kwalunkwe kompitu deskritt fil-manwal tat-titjir ta' inġenju ta' l-ajru li jħejji l-inġenju ta' l-ajru għat-titjir (Eżempju: it-twaħħil tal-ġwienaħ tal-glajder jew qabel it-titjir), jitqies bħala kompitu tal-pilota u mhux meqjus bħala kompitu ta' manutenzjoni ta' pilota-sid u għaldaqstant ma jirrikjedix Ċertifikat ta' Fruġ għall-Użu.

Twettiq tal-kompiti u r-reġistrazzjoni tal-manutenzjoni ta' pilota-sid

Id-dejta tal-manutenzjoni kif speċifikata f'M.A.401 trid tkun dejjem disponibbli matul it-twettiq tal-manutenzjoni tal-pilota-sid u trid tkun sodisfatta. Id-dettalji tad-dejta msemmija fit-twettiq ta' manutenzjoni ta' pilota-sid iridu jkunu inklużi fiċ-Ċertifikat ta' Fruġ għall-Użu skond M.A.803(d).

Il-pilota-sid irid jinforma lill-Organizzazzjoni M.A. Sottoparti G ta' Ġestjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà Kontinwa (jekk japplika) mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tlestija tal-kompiti ta' manutenzjoni ta' pilota-sid skond M.A.305(a).

Artikolu 3

L-Anness II (Parti 145) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 huwa b'dan emendat kif ġej:

- 1) F'Appendiċi II "Klassi ta' Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet u Sistema ta' Rati", il-punti 4 u 5 jinbidlu b'dan li ġej:
 4. Klassifikazzjoni ta' kategorija A tisser li organizzazzjoni tal-manutenzjoni Parti 145 approvata tista' twettaq manutenzjoni fuq inġenji ta' l-ajru u kwalunkwe komponent (inklużi magni/APUs), skond id-dejta tal-manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru jew, jekk ikun maqbul b'mod speċifiku mill-awtorità kompetenti, skond id-dejta tal-manutenzjoni tal-komponenti, sakemm tali komponenti jkunu mwaħħla fl-inġenji ta'

l-ajru biss. Madankollu, tali organizzazzjoni tal-manutenzjoni Parti 145 approvata kklassifikata A tista' temporanjament tneħħi komponent għall-manutenzjoni, biex ittejjeb l-aċċess għal dak il-komponent, ħlief meta tali tneħħija tiġġenera l-ħtieġa għal manutenzjoni addizzjonali li ma tkunx eliġibbli għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sottoparagrafu. Dan se jkun suġġett għal proċedura ta' kontroll fl-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni aċċettabbli għall-Istat Membru. It-taqsima ta' limitazzjoni se tispeċifika l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' tali manutenzjoni biex b'hekk tindika l-firxa ta' l-approvazzjoni.

5. Klassifikazzjoni ta' kategorija B tfisser li organizzazzjoni tal-manutenzjoni Parti 145 approvata tista' twettaq manutenzjoni fuq magni/APU ('Unità Awżiljari ta' l-Enerġija') u komponenti tal-magna/APU mhux imwaħħla, skond id-dejta tal-manutenzjoni tal-magna/APU jew, jekk ikun maqbul b'mod speċifiku mill-awtorità kompetenti, skond id-dejta tal-manutenzjoni tal-komponenti, sakemm tali komponenti jkunu mwaħħla mal-magni/APU biss. Madankollu, tali organizzazzjoni tal-manutenzjoni Parti 145 approvata kklassifikata B tista' temporanjament tneħħi komponent għall-manutenzjoni, biex ittejjeb l-aċċess għal dak il-komponent, ħlief meta tali tneħħija tiġġenera l-ħtieġa għal manutenzjoni addizzjonali li ma tkunx eliġibbli għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sottoparagrafu. It-taqsima ta' limitazzjoni se tispeċifika l-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' tali manutenzjoni biex b'hekk tindika l-firxa ta' l-approvazzjoni. Organizzazzjoni tal-manutenzjoni Parti 145 approvata kklassifikata f'kategorija B tista' wkoll twettaq manutenzjoni fuq magna mwaħħla waqt manutenzjoni tal-'bażi' u tal-'linja' suġġetta għal proċedura ta' kontroll fl-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni. L-ambitu ta' l-applikazzjoni tax-xogħol ta' l-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni għandu jirrifletti tali attività fejn dan ikun permess mill-Istat Membru.

Artikolu 4 Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Membru tal-Kummissjoni